# It-Tranżazzjonijiet tal-Proprjetà Residenzjali: Lulju 2024

NR 148/2024 Data tal-Ħruġ: 09 ta' Awwissu 2024 Data tal-Għeluq: 02 ta' Awwissu 2024

*F'Lulju 2024, il-kuntratti ta' bejgħ u l-konvenji ta' proprjetajiet residenzjali ammontaw għal 1,035 u 1,063, rispettivament.*



Din l-Istqarrija tal-Aħbarijiet tippreżenta tagħrif proviżorju dwar tranżazzjonijiet ta' bejgħ ta' proprjetajiet residenzjali skont id-data tar-reġistrazzjoni mal-awtorità tat-taxxa.

**Kuntratti ta' Bejgħ**

F'Lulju 2024, l-għadd ta' kuntratti ta' bejgħ ta' proprjetajiet residenzjali kien jammonta għal 1,035, li juri tnaqqis ta' 0.8 fil-mija meta mqabbel ma' dawk irreġistrati f'Lulju 2023 (Tabella nru 1a, Ċart nru 1). B'kollox, il-valur ta' dawn il-kuntratti laħaq il-€280.5 miljun, tnaqqis ta' 2.2 fil-mija meta mqabbel mal-valur irreġistrat f'Lulju 2023 (Tabella nru 2a).

## Ċart nru 1. Kuntratti ta' bejgħ u konvenji rreġistrati

Ta' kull xahar




Fix-xahar ta' riferenza, 954 (jew 92.2 fil-mija) tal-kuntratti kienu jinvolvu individwi, filwaqt li kważi l-bqija tal-kuntratti l-oħra kienu magħmulin minn kumpaniji (Tabella nru 1b). Il-valur tal-kuntratti li jinvolvu individwi kien jammonta għal €239.5 miljun, li huwa ekwivalenti għal 85.4 fil-mija tal-valur kollu (Tabella nru 2b).

*Kuntratti ta' bejgħ bid-distrett u l-lokalità*

F'Lulju 2024, l-akbar ammonti ta' kuntratti ta' bejgħ kienu rreġistrati fid-Distrett tat-Tramuntana tal-Port u fid-Distrett tat-Tramuntana, b'total ta' 295 u 211-il kuntratt, rispettivament. Min-naħa l-oħra, l-inqas numri ta' kuntratti kienu nnotati fid-Distrett tal-Punent u fid-Distrett tax-Xlokk, bi 93 u b'125 kuntratt, rispettivament (Tabella nru 3).

L-akbar ammonti ta' kuntratti ta' bejgħ kienu rreġistrati f'dawn il-lokalitajiet: San Pawl Il-Baħar (102), Birkirkara (48) u Il-Mosta (40). (Tabella nru 4, Ċart nru 2a). Dawn il-kuntratti kienu jġħoddu 18.4 fil-mija tal-kuntratti kollha rreġistrati f'Lulju 2024.

## Ċart nru 2a. Il-lokalitajiet li kellhom l-akbar ammonti f'Lulju 2024

Kuntratti ta' bejgħ




*Proprjetajiet irreġistrati fil-kuntratti ta' bejgħ*

Fix-xahar ta' riferenza, l-għadd ta' proprjetajiet irreġistrati fil-kuntratti ta' bejgħ kien jilħaq l-1,115 (Tabella nru 5). L-Appartamenti (408) u l-Garaxxijiet (246) irreġistraw l-akbar sehem mit-total, b'36.6 fil-mija u 22.1 fil-mija, rispettivament.

**Konvenji**

F'Lulju 2024, kienu rreġistrati 1,063 konvenju ta' proprjetajiet residenzjali, li huma riflessi fi tnaqqis ta' 1.9 fil-mija fuq is-sena ta' qabel (Tabella nru 6a, Ċart nru 1). L-individwi li kienu involuti f'dawn il-konvenji kienu jgħoddu 950 (jew 89.4 fil-mija), filwaqt li l-bqija kienu jinvolvu kumpaniji (Tabella nru 6b).

*Konvenji bid-distrett u l-lokalità*

L-akbar għadd ta' konvenji ta' proprjetajiet residenzjali kien irreġistrat fid-Distrett tat-Tramuntana tal-Port bi 313-il konvenju; segwit mid-Distrett tat-Tramuntana b'227 konvenju. Min-naħa l-oħra, l-inqas ammonti ta' konvenji dehru fid-Distrett ta' Għawdex u Kemmuna, u fid-Distrett tal-Punent, b'106 u b'111-il konvenju, rispettivament (Tabella nru 7).

L-akbar għadd ta' konvenji kien irreġistrat f'dawn il-lokalitajiet: San Pawl Il-Baħar (114), Birkirkara (62) u Marsaskala (48) (Tabella nru 8, Ċart nru 2b). Dawn il-konvenji kienu jgħoddu 21.1 fil-mija tal-konvenji kollha rreġistrati f'Lulju 2024.

## Ċart nru 2b. Il-lokalitajiet li kellhom l-akbar ammonti f'Lulju 2024

Konvenji

